MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2012

Numru. 461/2003

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ANGELO GAFA'**

**KONTRA**

**SIMON ZAMMIT ta' 45 sena, iben il-mejjet Alphonse u Maria Assunta nee' Bajada, imwieled Tal-Pieta' nhar it-12 ta' Marzu, 1967, residenti fil-fond numru 9, Perla, Triq ix-Xwieki, Gharghur, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 140367M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Simon Zammit** li gie akkuzat talli nhar id-9 ta' Marzu, 2002, u/jew fil-granet ta' qabel u dawk ta' wara, f'Birkirkara u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet

differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda:

1. B’mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta’ aktar minn elf lira bi hsara ta’ Isabelle, Ramon, u Robert Godano, u Simon Dalton u Phylisienne Debono, u diversi persuni ohra bi ksur ta’ l-Artikolu 308, 309, u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. U aktar talli minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz tieghu, approprja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, is-somma li teccedi l-elf lira Maltin (Lm1,000.00), ghad-detriment ta’ Isabelle, Ramon, u Roberta Godano, u Simon Dalton u Phylisienne Debono, u diversi persuni ohra, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, dan bi ksur tal-Artikolu 308, 309, u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. U aktar talli xjentement laqa’ ghandu jew xtara affarijiet misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, jew xjentement b’kull mod li jkun indahal biex imexxiehom jew ibieghhom bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. U aktar talli sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’sentenzi moghtija mill-Qrati tal-Magistrati fid-dati 19 ta’ Ottubru 1988 u 24 ta’ Jannar, 2002.

Rat illi maghluqa l-provi tal-Prosekuzzjoni, l-Avukat Generali baghat l-Artikoli taht liema hemm mahsub li tista’ tinstab htija, u cioe’:

a. Fl-Artikoli 18, 308, 209, 310 tal-Kodici Kriminali;
b. Fl-Artikoli 293, 294, u 310 tal-Kodici Kriminali;
c. Fl-Artikolu 334 tal-Kodici Kriminali;
d. Fl-Artikolu 49 u 50 tal-Kodici Kriminali.

Rat li moqrija l-Artikoli, l-imputat ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat il-provi kollha, u hawn ser jigu prodotti dawk saljenti biex tigi determinata din il-kawza.

L-Ispettur Bernard Zarb li beda biex jezebixxi l-istqarrija ta' l-imputat, li ovvjament tenut kont taz-zmieijiet li ttiehdet fiha, din saret bla ma l-imputat gie moghti d-dritt ta' l-assistenza legali. A skans ghalhekk ta' ripetizzjonijiet, din ghalhekk ghandha dak il-valur probatorju gia' stabbilit mill-Qrati taghna Kostituzzjonali u l-Qrati Ewropej. Aktar tard ezebixxa ukoll business cards, stickers u letter heads li huwa gabar wara tfittxija li saret meta gie arrestat l-istess imputat, cioe' Dok BZ 1. Xehed ukoll dwar dak li rrizultalu mill-investigazzjonijiet tieghu, cioe' li bdew jircievu diversi kwereli, fosthom minghand Gordano, Simon Dalton, kollha koncernanti certu Simon Zammit li kienu jghidu li dan Zammit kien qed jiehu flus fuq progetti turnkey, u anke jgib riklami f'gazzetti lokali ghal dawn il-progetti, cioe' li jinnova d-djar u li kien jaghmel bidliet strutturali fihom. Ghalhekk xehed illi wara tali invetigazzjoni mexxa kontra tieghu fuq depoziti migbura ta' xoghol li ma sarx. Aktar tard fil-mori ta' dawn il-procduri gie wkoll ezebit l-istess television bhala Dok AG.

Dwar l-akkuza in konnessjoni mat-television sekwestrat minghand l-imputat, qal illi dan sabuh ghandu allegatament minghajr licenzja. Xehed fit-tul l-Ispettur, anke fuq domandi ta' l-Avukat Difensur, dwar dak illi qal l-imputat fl-istqarrija tieghu li ghar-ragunijiet gia' esposti allura mhux ser jigu riprodotti.

Minn naha tieghu l-Ispettur Alexander Miruzzi xehed illi kien qed jiprezenta sentenza deciza fis-seduta tal-VAT

kontra Simon Zammit, f'liema proceduri hu kien qieghed jassisti bhala Uficcjal Prosekutur, folio 299.

Xehdet Isabelle Godano u qalet illi riedet taghmel xi alterazzjonijiet fid-dar. Ghalhekk hi u wliedha subien iltaqghu ma' l-imputat, cioe' l-kuntrattur li kellu jaghmel l-alterazzjonijiet fid-dar taghha. Tahom stima versu l-prezz ta' Lm9,500.00, b'deposit ta' Lm3,500.00. Ta' dan giet iffirmata skrittura minnha u minn Simon Zammit ghan-nom ta' S & A Constructions Ltd, ezebita din bhala Dok JG a folio 70. Din hija datata 9 ta' Marzu, 2002. Ikkonfermat illi ta' dan l-appalt tatu s-somma ta' Lm3,500.00, Dok JG1 folio 71. Xehdet li bdew icemplulu u kull darba jibghat in-nies u jghidilhom li kien ser jibda x-xoghol. Anke wara dan bdew jippruvaw icemplulu, pero ma setghet taqbdu b'xejn. Anke hi u wiehed minn uliedha marru jfittxuh fl-indirizz li kellu fuq il-karta ta' l-identita'. Sabet illi dan kien garaxx li qatt ma kien miftuh. Sabet ir-residenza vera tieghu, fejn kellmu lill-mara tieghu. Wara cemplilha l-imputat u qallha li kien biddel in-numru tat-telephone. Minn hawn mar fi kliemha jaghmlilha bicctejn xoghol – versu l-prezz ta' Lm450.00. Spjegat anzi li x-xoghol ghamlu certu Frans Abela, pero kien Zammit li hallsu.

Xehdet fuq it-tbaghtija li ghaddiet talli l-imputat ma kompliex ix-xoghol, cioe' li kellha tohrog minn go darha stante li anke spiccaw bla salva vita. Qalet illi nonostante li Zammit anke gie avvicinat mill-Avukat taghha biex ikompli l-appalt, dan baqa' ma marx. Qalet illi d-differenza tal-flus qatt ma hadithom lura minghand l-imputat.

In kontro ezami kkonfermat illi l-permessi tal-Planning damu ma hargu, u li l-imputat kien lehaq ghamel xi alterazzjonijiet fid-dar taghha, kif hawn fuq premess. Xehdet illi qatt ma kienet taf li kien ser jieqaf mix-xoghol. Qalet illi ma kinitx qed tippretendieh jahdem bla permess, pero li seta' jibdielha d-dawl u l-ilma. Xehdet ukoll illi kellhom ftehiem li jekk ma kinux ser johorgu l-permessi, kellu jaghtiha l-flus lura. Dan kien ftehiem verbali bejniethom.

Fuq insistenza ta’ l-Avukat Difensur li l-imputat ma setax jahdem ghax ma kinux hargu l-permessi relattivi, wiegbet illi meta ghamel il-hajt divizorju, l-arkata, u fethilha l-bieb, dan kollu ghamlu bla permess. Wara qalet illi qabad u sparixxa, u li fittxewh fi tliet indirizzi. Ezebiet ukoll Dok JG3, ritratti ta’ alterazzjonijiet li saru fid-dar kif gia’ premess, ghall-ammont ta’ Lm450.00.

Mistoqsija meta fil-fatt hargu l-permessi, wiegbet Novembru, 2002, u li Zammit l-imputat qatt wara dan ma resaq lejn darha biex ikompli x-xoghol.

Emmanuel Delia xehed illi anke hu kien fittex kuntrattur u sab il-kumpanija tas-Sur Zammit f’reklam fil-gazzetta b-isem Island Construction. Ir-reklam kien jghid illi din il-kumpanija kienet specjalizzata fir-restawr ta’ djar antiki. Ghalhekk iltaqa’ ma’ l-imputat l-ghada, tah stima ta’ Lm4,700.00, li ghax-xhud kienet l-aktar wahda favorevoli. Wieghdu Zammit illi gimaghtejn wara kellu jibda, cioe’ f’Ottubru, u jkompli sal-Milied. Talbu u tah Lm1,400.00 deposit. Qal illi ghalkemm fuq il-kopja minnu ezebita kien hemm biss il-firma tax-xhud, fuq l-original kien hemm ukoll il-firma ta’ l-imputat, Dok MD (folio 98). Qal illi meta ghadda certu zmien u x-xoghol baqa’ ma sarx, cempillu, u l-imputat wiegbu li l-mara kienet dahlet l-Isptar darbtejn, ommu wkoll, impjegat tieghu kellu nkwiet mal-pulizija, ghalhekk b’dan ikkonvincieh jistenna. Ma’ Dicembru, meta allura suppost kellu jkun lest, talbu terz iehor tal-flus, Lm1,400.00. Qallu li ma kellux flus biex jixtri l-materjal, in poche parole tahomlu wkoll. Qal illi dawn tahomlu b’cheque. L-imputat anke kien iffirma dokument li juri li kien ircieva din it-tieni somma, allura li rcieva Lm2,800.00 f’zewg pagamenti. Stabilixxew penali ta’ Lm10.00 kuljum. Rega’ tah Lm100.00 ghax il-haddiema li bdew imorru xi kultant iqattghu t-trinek, Zammit qallu li ma kellux biex ihallashom. Ghalhekk issa kien gia’ tah Lm2,900.00. Vide wkoll Dok MD1 folio 99, Dok MD folio 100. Qal illi l-imputat sparixxa fit-28 ta’ Marzu, u la seta’ jaqbdu bit-telephone u lanqas fl-indirizz fejn originarjament kien hemm il-kumpanija Island Construction. Tkellem anke dwar okkazjonijiet fejn kien anke miftiehem ma’ l-imputat, u dan mhux talli ma jmurx, talli sar inkomunikado.

Aktar tard Emmanuel Delia ezebixxa zewg cheque images - wiehed datat 14 ta' Ottubru, 2002 ghall-ammont ta' Lm1,4000.00, u l-iehor datat 17.12.2002 ghall-ammont ta' Lm1,400.00 – it-tnejn pagabbli lil Simon Zammit, Dok SZ u SZ1. Ezebixxa wkoll l-ittri mibghuta lill-imputat datati 09.01.2003 Dok ED, u Dok ED1 datata 18.02.2003.

Dr F Cassar ezebixxa sensiela ta' dokumenti ta' natura legali mibghuta minhabba l-kwistjoni li nqalghet bejn Godano u l-imputat (Dok FC – FC5, folio 104 – 112).

Caprian Borg xehed illi kien ghamel zewg kuntratti ma' Zammit l-imputat, dwar post li kellu jigi rrangat. Qal illi meta ghadda certu zmien, ipprova anke jcempel lill-impuat, pero ma setax jaghmel kuntatt mieghu. Anke mar ifittxu fejn suppost kien joqghod, bla success ghax gie nfurmat illi ma kienx ghadu joqghod hemm. Xehed illi fuq kuntratt minnhom tah Lm1,166.00 terz depozitu, mentri fuq l-iehor, cioe' ta' aluminium tah Lm300.00. Qal illi f'April tilef il-kuntatt mieghu, u li b'kollox tah Lm1,466.00. Ix-xoghol kellu jsir fil-fond 101, St Albert Street, Gzira.

Xehed ukoll illi fuq il-gazzetta kien ra tliet reklami, bl-istess kliem b'ismijiet differenti – Simon Zammit Construction, Island Construction, u ITCP. Qal illi ghamel konnessjoni mas-Sur Zammit ghaliex il-kliem fir-reklami kienu simili hafna.

Caprian Borg ezebixxa wkoll il-ftehiem li ghamel ma' Simon Zammit datat 11.09.2002, Dok A folio 214. Rega' spjega li ghalkemm ta lil Zammit is-somma ta' Lm1,166.00 deposit, xoghol fil-post ma sarlu xejn. Xehed ukoll illi huwa kien ra fuq il-gazzetta li Zammit kien gie mressaq il-Qorti. Kien fil-fatt mar ghandu dan Zammit u qallu li kien ser iroddlu l-flus lura. Wara gimaghtejn qallu li ma setax ihallsu, u mbaghad qata' l-kuntatt mieghu. Id-Dok B folio 215 juri ftehiem bejn Borg u l-imputat dwar l-aluminium li gia' xehed fuqu, u li tieghu tah Lm300.00.

Xehed ukoll Simon Dalton – anke dan ix-xhud kien sab lill-imputat tramite reklam fil-gazzetta, u ghalhekk kien

cempillu. Talbu u tah deposit ta’ Lm1,000.00 biex jibda xoghol ta’ kostruzzjoni. Tah ukoll jiffirma tal-kuntratt ta’ l-appalt, Lm1,200.00, vide Dok SD 132; Dok SD1 folio 133. Qal illi ghaddew erba’ xhur, anke beda jaqaghlu s-saqaf, hawn baghtlu tlieta minn nies – ha anke l-perit tieghu ghax beda jara li x-xoghol ma kienx qieghed isir skond is-sengha. Tant illi l-perit anke spicca jaghmel rapport fuq dak ix-xoghol li kien qieghed isir, Dok SD3 folio 135. Fuq parir tal-perit, waqqfu mix-xoghol u baghtlu ittra bl-avukat, Dok SD4 folio 136, Dok SD5 folio 137, Dok SD6 folio 138 (kwerela).

Xehed illi l-lanjanza tieghu kienet illi mhux talli ma kienx ghamillu x-xoghol fiz-zmien miftiehem, imma dak li ghamel sar hazin. Spjega li hu barra li kien qieghed ihallas il-loans mal-bank, anke kien qieghed ihallas il-kera fejn joqghod. Ezebixxa wkoll Dok SD, ghaxar ritratti tax-xoghol li sar gol-fond de quo, 111, Rue d’Argens Street, Msida.

Bridget Giuliano wkoll kellha x’taqsam ma’ l-imputat minhabba xogholijiet bzonnjuzi fid-dar, cioe’ Sunflower House, Tarxien Road, Luqa. Ftehmu li x-xoghol kellu jkun versu l-prezz ta’ Lm320.00 li minnhom tatu Lm120.00 bhala deposit. Il-ftehiem sar bil-miktub u regghet tatu cheque iehor ta’ Lm110.00 fuq xoghol iehor miftiehem wara. Gew ezebiti ghalhekk id-dokumenti opportuni Dok BG, BG1, BG2, BG3, folio 148 – 153.

Xehdet illi xoghol xejn ma sarilha. Anke li kienet iccempillu kuljum, anke bil-lejl. Fil-bidu kien jghidilha li kien ser jibda, umbaghad li kien ma jiflahx, sussegwentement ma setghetx tittrejsjah izjed. Anke l-fax skondtha kienet falza.

Xehdet ukoll certu Michael Marshall. Xehed illi bintu Bridgette (vide Dok MM folio 158) kellu jsirilha xoghol mill-imputat li baqa’ ma sarx. Ghalhekk kien intervjena hu. Qal illi wara hafna tfittxija rnexxielu jkellem lill-imputat li fil-gurnata miftehma baghtlu lura ghaxar litri zebgha, pero l-ammont ta’ Lm140.00 baqa’ ma tahomlux. Xehed illi kien anke qara fuq il-gazzetta li Simon Zammit kien tressaq il-Qorti b’xi akkuzi, ghalhekk kien mar ghand l-Ispettur.

L-Ispettur Bernard Zarb ezebixxa wkoll erba' visiting cards misjuba ghand l-imputat, Dok BZ1 folio 162 – 168.

Ingabet Phylisianne Debono wkoll dwar il-fatt illi fuq avviz li rat fuq gazzetta cemplet lil Simon Zammit. Mar fuq il-post u tahom stima, u tatu deposit ta' Lm1,200.00, dan fil-konfront tal-fond 111, Rue d'Argens, Msida. Qalet illi hi u l-gharus taghha kienu tawh id-deposit ta' Lm1,200.00, cheque ta' l-HSBC lil Simon Zammit li ssarraf. Qalet illi Simon Zammit ix-xoghol kien bdieh, pero li l-perit kien waqqfu. Kellhom fil-fatt hsara fil-fond taghhom, u anke nkwiet mill-girien. Qalet illi l-perit waqqfu ghax ma ramax kif suppost. Qalet ukoll illi Simon, l-gharus taghha fil-presenza taghha, beda anke jcempel lill-imputat biex jaghtihom il-flus lura. Hawn bdew il-lavranti ta' Zammit u bdew id-dawl u l-ilma. Dan ix-xoghol fi kliemha nbeda, pero ma tkompliex aktar. Qalet illi l-ftehiem fil-fatt kien li jibdielhom is-soqfa u jghaddilhom id-dawl u l-ilma.

Christopher Sammut ukoll xehed dwar il-fatt illi kien qabbad lil Simon Zammit biex jirrangalhom id-dar, finishings gewwa, madum, dawl u ilma. Qal illi fl-ewwel lok tawh Lm1,000.00 deposit. Dan kien fis-sena 2000. Qal illi mbaghad il-girl friend tieghu Mary Theuma Attard tatu Lm2,400.00. Xehed illi effettwament fil-post f'Hal-Lija ma ghamlilhom xejn. Xehed illi tawhomlu b'cheque u li anke saret skrittura bejniethom. Xehed anke li l-imputat kien applikalhom ghad-dawl u l-ilma, u hallas b'cheque falz, tant illi l-Korporazzjoni kienet heddet lix-xhud li kienet ser taqtaghlu s-servizz. Konsegwentement kellu jerga' jhallas. Ghalhekk xehed illi d-dawl gie hallsu doppju.

Xehed ukoll Christopher Sammut anke dwar il-fatt illi kien qabbad lill-imputat Simon Zammit biex ilesti maisonette u ma komplilux. Ipprezenta Dok E (fotokopja) ta' ftehim ma' l-istess imputat (folio 225). Xehed illi mix-xogholijiet kollha, l-imputat ghamillu d-dawl, pero xehed illi meta marru biex jippruvaw is-salva vita, earth ma kienx ghaddielu, u kellu jerga' jaqla' s-suffett biex jghaddi l-earth, ghalhekk kellu jidhol fi spejjez zejda. Spjega li fuq dak ix-xoghol kollu li ma sarx kellu jqabbad nies ohra. Xehed ukoll illi l-imputat b'kollox minn Lm3,000.00, tah is-somma ta' Lm2,500.00.

Ezebixxa wkoll dokumenti a folio 226 – 229 dwar ix-xogholijiet li kellu suppost jaghmillu fil-post l-imputat.

Xehdet ukoll il-girlfriend ta’ dan ix-xhud, certa Maria Therese Attard. Qalet illi marret tkellem lil Simon Zammit ghax kienu cemplulha mill-Enemalta u avzawha li kienu ser jaqtghulha d-dawl, dan stante li Zammit kellu jhallas l-arlogg u ghamel hekk b’cheque, li fil-kont ma kellux flus. Spjegat li dawn il-flus kienet tathom lil Zammit bhala parti mill-kuntratt li ghamlu mieghu biex ilestilhom il-post. Fil-qosor qalet illi l-ispiza biex jispiccaw ix-xoghol fil-post telghet ghal Lm3,250.00, minn din is-somma tatu Lm2,000.00. Qalet illi tatu wkoll is-somma ohra ta’ Lm700.00 u li pero kienet insiet tnizzilhom fuq il-karta. Xehdet illi anke kellha thallas hi lil tal-kmamar tal-banju ghaliex ma riedx imurilha aktar stante li Simon Zammit ma riedx jaghtieh flus, nonostante li dan kien qabbdu Zammit u nonostante li ghal dan hi lil Zammit kienet tatu Lm700.00 deposit.

Ramon u Robert Godano t-tnejn xehdu in sostenn ta’ dak li kienet qalet ommhom. Xehed Ramon dwar id-diffikulta’ li kellhom li jirrintraccaw lill-imputat, dan wara li kien hareg il-permess minghand il-Planning Authority. Fittxewh fi tliet indirizzi – ma sabuh f’ebda wiehed. Pero c-cheque li kienu tawh ta’ Lm3,500.00 kien sarrfu l-ghada li rcevieh. Xehed ukoll illi l-imputat lahaq ghamlilhom xoghol biss sa l-ammont ta’ Lm450.00. Xehed anke dwar il-fatt li l-imputat kien anke mar ghand l-Avukat taghhom u ffirma karta li kellu jroddilhom lura s-somma ta’ Lm3,500.00, fatt dan li qatt ma gara.

Minn naha tieghu Robert Godano wkoll xehed dwar il-flus li taw lil Zammit - Lm3,500.00 li qatt ma raw izjed, flus li thallsu b’cheque u li hargithom ommu Isabelle Godano. Ikkonferma ghalhekk il-kontenut tal-ftehim li sar mill-familja Godano ma’ l-imputat, Dok RG folio 265.

Xehdet ukoll certu Mary Rose Camilleri wkoll dwar flus li kienet tat lil Simon Zammit biex jahdmilha go dar gewwa Wied il-Ghajn. Anke institwiet kawza civili f’dan ir-rigward, liema kawza giet deciza favur taghha. Xehdet illi l-appalt

kien wiehed a bazi ta’ turnkey, pero x-xoghol sar hazin skond il-perit minnha mqabbda, Mary Louise Caruana. Xehdet illi bhala deposit tatu l-ammont ta’ Lm1,700.00. Tal-ftehim li ghamlet ma’ Zammit, u tad-deposit li tatu ezebiet diversi dokumenti, a folio 276 – 280. Ikkonfermat illi x-xoghol Zammit bdieh, pero ma kompliehx, fil-fatt Zammit twaqqaf biex jirranga x-xoghol hazin li kien ghamel. Meta gara hekk, xehdet allura li Zammit ftiehem maghhom li kien ser jirranga x-xoghol, pero wara ma rawhx izjed.

Ezebiet ukoll kopja tas-sentenza li ghaliha ghamlet referenza a folio 291, kontra Simon Zammit u l-kjamata in kawza s-socjeta’ S.D. Construction Limited. Aktar tard rega’ xehed dan Borg u ezebixxa bhala dok CB folio 303, cheque images ta’ flus li hallas lil Zammit (in parte), u li allura skondtu ssarrfu minnu.

Xehed ukoll f’dan ir-rigard Nicholas d’Ancona wkoll dwar il-fatt illi kien ra riklam fuq it-Times dwar kumpanija li kienet taghmel turnkey constructions ghax kellu jirranga post. Ghamel appuntament ma’ Simon Zammit. Tah stima, minn naha tieghu ix-xhud tah deposit ta’ Lm330.00. Xehed illi wara li tah id-deposit ma rahx aktar, kif ukoll illi pprova jcempillu kemm-il darba, pero kien kollu ghalxejn. Ezebixxa l-kuntratt li sar bejnu u bejn Zammit, Dok ND (folio 332).

Qal illi t-telephones li kellu kienu mitfighin u li hadd ma kien jghix fl-indirizz. Xehed illi n-numri tat-telephone ghalih kienu foloz ghaliex hadd ma kien qed jirrispondi, u anke minhabba l-indirizz.

Fil-mori ta’ dawn il-proceduri, u anke minhabba akkuzi koncernanti xoghol ta’ kostruzzjoni, din il-Qorti kienet hatret lill-Perit Richard Aquilina dwar xogholijiet li kellu jaghmel u li taghhom allegatament ha l-flus. Mill-konkluzjonijiet li wasal ghalihom il-Perit a folio 405 u 406 tar-relazzjonijiet tieghu, allura jinsabu dawk il-flejjes li skond l-Espert Arkitett, Simon Zammit ghandu jirrifondi tenut kont tal-flus li rcieva u x-xoghol li ghamel.

Maghluqa l-provi tal-Prosekuzzjoni gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali, u cioe' l-Artikoli 18, 308, 309, 310, 293, 294, 334, 49 u 50 - kollha tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li moqrija l-istess Artikoli, l-imputat ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji. Dan kien f'Mejju tas-sena 2008. Rat illi minn dakinhar sal-finali trattazzjoni qatt ma tressqu provi in difesa, nonostante t-trapass taz-zmien li ghadda.

Ikkonsidrat:

Illi bla ebda dubbju l-imputat ircieva ammonti kbar ta' flus biss ghall-iskop li jaghmel xoghol ta' kostruzzjoni u rinnovazzjonijiet god-djar tan-nies li minghandhom ircieva l-istess flus, u li taghhom ha ammonti kbar ta' depoziti. Jirrizulta ukoll mix-xhieda prodotta illi mhux talli hu jew ma ghamlix ix-xoghol jew ghamlu hazin - hu jew nies minnu mqabbda, illi jew a dirittura ma komplihx, illi mitlub jirrifondi l-flus li kien ircieva, anke fejn ikkommetta ruhu li jaghmel dan, dan qatt ma ghamlu. Mir-relazzjoni ta' Espert Perit Arkitett Richard Aquilina, barra mix-xhieda kif riprodotta, jirrizulta car x'inhuma l-ammonti li sall-lum Zammit qatt ma rrifonda. Ghalhekk huwa, taht il-kappell tas-socjeta' Turnkey Constructions, suppost biss bl-iskop ta' xoghol fis-siti msemmija, huwa ha flus b'qerq. Oltre dan ircieva flus li ha taht skop u bi skop preciz li hu la radd lura u wisq anqas uza ghal dak l-iskop.

Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda ssibu hati taht l-Artikoli 308, 309, 310, 293, 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
In kwantu ghas-sentenza esebita, hati ukoll taht l-Artikoli 49 u 50 tal-imsemmi Kapitolu.
Kif ukoll in kwantu li tali reati saru dejjem b'risoluzzjoni wahda, tapplika ukoll l-Artikolu 18 ta' l-imsemmi Kapitolu;
Qieghda pero tilliberah mill-akkuzi tar-ricettazzjoni taht l-Artikou 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fir-rigward tat-television sekwestrat in kwantu dan ma jirrizultax.

Dwar i-piena, rat li l-imputat qatt ma wasal biex jibda almenu jirrifondi mill-flus minnu mehuda.

Ma tantx ghandha xi tghid izjed fuq il-piena, hlief illi tqies li l-piena idonea ghandha tkun wahda karcerarja effettiva u ghalhekk qed tikkunadannah ghal piena ta’ prigunerija ghal zmien 3 snin.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------